



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5310/23

COPS 25
CFSP/PESC 80
CIVCOM 11
RELEX 42
CSDP/PSDC 30
COEST 31
JAI 39
COHOM 13
EUMM GEORGIA 1
PSC DEC 2

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni
ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia)
(EUMM GEORGIA/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

¹ ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-11 ta' Frar 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/200¹ li taħtar lis-Sur Marek SZCZYGIEŁ bħala l-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) mill-15 ta' Marzu 2020 sal-14 ta' Diċembru 2020.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2163² li testendi l-mandat tas-Sur Marek SZCZYGIEŁ bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM GEORGIA mill-15 ta' Diċembru 2021 sal-14 ta' Diċembru 2022.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/200 tal-11 ta' Frar 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/2075 (EUMM GEORGIA/1/2020) (ĠU L 42, 14.2.2020, p. 15).

² Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2163 tal-25 ta' Novembru 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM GEORGIA) (EUMM GEORGIA/1/2021) (ĠU L 437, 7.12.2021, p. 3).

- (4) Fil-25 ta' Novembru 2022, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2318¹ estendiet il-mandat tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (5) Fil-25 ta' Jannar 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà propona l-ħatra tas-Sur Dimitrios KARABALIS bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2023.
- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sur Dimitrios KARABALIS bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia mill-1 ta' Frar 2023 sal-14 ta' Diċembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2318 tal-25 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 133).

Artikolu 1

Is-Sur Dimitrios KARABALIS huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) mill-1 ta' Frar 2023 sal-14 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2023.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*
